# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-28 T'OTTUBRU, 2021

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 889/2019 RGM**

**No Deposit Cars Malta Limited**

**vs.**

**Clara Azzopardi Tomasuolo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjetà No Deposit Cars Malta Limited** ippreżentat fis-17 ta' Settembru, 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

**DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**

1. Illi b'kuntratt datat 27 ta' Ġunju 2018 (hawn anness u mmarkati bhala **Dok A**) il-konvenuta xtrat permezz ta' kuntratt ta' *hire and purchase* ("il-Kuntratt") il-vettura Mercedes bic-Chassis number wdc2120012o*25642 (hawn aktar il-quddiem bhala "il-Vettura");

2. Illi skond l-istess Kuntratt il-konvenuta kien ftiehmet li tħallas it-total ta' Sitta u Tletin Elf Ewro (€36,000.00) b'pagamenti mensili ta' Sitt Mitt Ewro (€600.00) fix-xahar (vide Klawsola 2.4 tal-Kuntratt kif ukoll il-*Payment Schedule* annessa bhala **Dok B**). Illi inoltre il-konvenuta ffirmat sittin (60) kambjala ta' Sitt Mitt Ewro (€600.00) (hawn annessi u mmarkati bhala **Dok C**);

3. Illi l-konvenuta waqfet tħallas l-ammonti dovuti skond il-Kuntratt imsemmi mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u minkejja diversi interpellazzjonijiet għal-ħlas mis-soċjeta' rikorrenti;

4. Illi l-konvenuta għamlet l-aħħar pagament tagħha f'Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) u sal-llum ħallset biss l-ammont ta' sitt elef Ewro (€6,000) u baqgħet indampjenti fl-obbligi tagħha għal-ħlas għax-xhur sussegwenti wara Marzu elfejn u dsatax (2019) sal-llum il-ġurnata;

5. Illi skond il-Klawsola 7.1.1 tal-Kuntratt: "Default in the punctual payment of any one (1) instalment by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment […] <u>the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses</u>"

6. Illi inoltre skond il-Klawsola 7.1.2 tal-Kuntratt: "a breach of any condition of this agreement by the Hirer, the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses…"

7. Illi għalhekk il-konvenuta ddekadiet mill-benefiċċju tat-terminu tal-ħlas tal-prezz;

8. Illi għalhekk sal-llum il-bilanċ dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-konvenuta hu l-ammont ta' Tletin Elf Ewro (€30,000).

Ghaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuta kisret l-kuntratt ta' *hire and purchase* datat 27 ta' Ġunju 2018 bejn il-partijiet (Dok A);

2. Tiddikjara li a tenur tal-Klawsola 7.1 tal-kuntratt ta' *hire and* bejn il-partijiet (Dok A) il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu tal-bilanc tal-prezz dovut fuq il-bejgh tal-Vettura Mercedes bic-Chassis number wdc2120012o*25642;

3. Tiddikjara li l-konvenut hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tletin elf Ewro (€30,000 rappresentanti bilanc dovut skont il-Ftehim Hire and Purchase tas-27 ta' Ġunju 2018 (Dok A);

4. Tikkundanna lill-konvenuta biex tħallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' Tletin elf Ewro (€30,000);

5. Tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hija l-propjetarja esklussiva tal-vettura Mercedes bic-Chassis number wdc2120012o*25642;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament finali kontra l-konvenut illi hu min issa ngunta in subizzjoni.

**Rat li b'digriet tat-8 ta' Ġunju, 2020** il-Qorti laqgħet rikors tas-soċjetà attriċi tal-5 ta' Ġunju, 2020 u ordnat:-

1. fit-tielet (3) u raba' (4) talbiet jitnehhew il-kliem u n-numri "Tletin Elf Ewro (€30,000)" u jigu sostitwiti bil-kliem u n-numri "**...dsatax -il elf u**

**erba' mitt Ewro (€19,400), li hu l-ammont dovut mill-konvenuta ai termini tal-Klawsola 7.1. tal-Kuntratt Hire and Purchase, liema ammont jirrifletti d-differenza bejn l-bilanc dovut mill-konvenuta u l-prezz illi biha giet mibjugha l-Vettura..."**

2. il-hames (5) talba tigi mhassra inkwantu hi ezawrita.

Rat ir-**risposta ġuramentata tal-konvenuta Clara Azzopardi Tomasuolo** ippreżentata fil-11 t'Ottubru, 2019 fejn jingħad kif ġej**:**

1. Illi **fl-ewwel lok** qed tigi eccepita l-kawza illecita ai termini tal-Artikolu 990 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi **fit-tieni lok,** minghajr pregudizzju ghas-suespost u ghal kull buon fini, l-konvenuta tiddikjara illi hija fil-fatt kienet hallset is-somma ta' €7,000 akkont tal-prezz u mhux is-somma ta' €6,000 kif indikat. Tenut kont li dan huwa rikors guramentat, il-konvenuta tistieden lill-attrici tirregola ruhha dwar il-hlasijiet li fil-verita` saru minnha;

3. Illi **fit-tielet lok** u minghajr pregudizzju ghas-suespost, riferibbilment ghall-ewwel u t-tieni talbiet attrici, jigi eccepit illi l-attrici m'ghandiex il-jedd li titlob id-dekadenza tal-beneficcju tat-terminu skond il-ftehim tas-27 ta' Gunju, 2018, u dana stante illi l-istess attrici ghazlet illi tuzufruwixxi mid-drittijiet pattwiti permezz tal-klawsola numerata 7(2) tal-istess iskrittura tas-27 ta' Gunju, 2018. Din il-klawsola *in succint* taghti dritt lill-attrici li titlob lill-konvenuta tirritorna lura l-vettura in kwistjoni u hekk kif dan sehh, ir-rabtiet kuntrattwali u l-obbligi tal-iskrittura tas-27 ta' Gunju, 2018 jigu terminati. Fil-fatt il-konvenuta, fuq talba tal-attrici, irritornat il-vettura in kwistjoni fil-pussess tal-istess attrici u *multo magis* l-iskrittura tas-27 ta' Gunju, 2018 giet terminata *ipso jure*. Konsegwentement, *gialadarba* l-attrici ghazlet dan il-perkors kuntrattwali, issa ma tistax titlob id-dekadenza tal-beneficcju tat-terminu skond ftehim kuntrattwali li gie terminat u ghaldaqstant dawn it-talbiet jisthoqq li jigu michuda bl-ispejjez;

4. Illi **fir-raba lok,** u minghajr pregudizzju ghas-suespost, riferibbilment ghall-ewwel, tieni, tielet u r-raba' talbiet attrici, jigi eccepit illi dawn ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-obbligi li fuqhom huma msejsa dawn it-talbiet gew estinti b'novazzjoni skond l-Artikolu 1179 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (ara dikjarazzjoni datata d-9 ta' Settembru, 2019 annessa u mmarkata bhala Dok CAT1);

5. Illi **fil-hames lok,** u minghajr pregudizzju ghas-suespost, partikolarment ghall-eccezzjoni tal-kawza illecita, huwa l-ftehim ta' bejn il-partijiet tad-9 ta' Settembru, 2019 illi ghandu jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet u gialadarba dan il-ftehim gie eskluz kemm mill-kawzali kif ukoll mit-talbiet fir-rikors promotur, it-talbiet attrici kif dedotti ma jistghu qatt jintlaqghu;

6. Illi **fis-sitt lok,** u minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'referenza ghal kambjali ezebiti mill-attrici, jigi eccepit illi gialadarba dina l-azzjoni m'hijiex *actio cambiaria,* dawn il-kambjali *se mai* ghandhom iservu biss ghal finijiet ta' valur probatorju inkwantu ghall-allegat kreditu;

7. Illi **fis-seba' lok,** u minghajr pregudizzju ghas-suespost, b'referenza ghat-talbiet attrici kollha, dawn huma ilkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u jisthoqq li jigu michuda bl-ispejjez.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi ippreżentata fit-2 ta' Lulju 2021;[1]

[1] Paġna 89 et seq tal-proċess.

Rat illi l-konvenuta nonostante ingħatat terminu sabiex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija naqset milli tagħmel dan;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

**Fatti Antecedenti l-Kawża.**

Fis-27 ta' Ġunju 2018 il-konvenuta iffirmat kuntratt ta' *hire and purchase* għal vettura tat-tip Mercedes għall-prezz ta' sitta u tletin elf ewro (€36,000) bi ħlas mensili ta' sitt mitt ewro (€600). In segwietu għal dan il-konvenuta iffirmat sittin kambjala. Fis-7 ta' Settembru 2019 il-konvenuta għamlet l-aħħar żewġ pagamenti li kienu jirreferu għax-xhur ta' April u Mejju b'total ta' elf ewro (€1,000)[2]. Mill-irċevuti ppreżentati mill-konvenuti u mhux ikkontestati mis-soċjetà attriċi, sal-imsemmija data il-konvenuta kienet ħallset sebat elef ewro (€7,000).

Ta' rilevanza huma s-segwenti klawżoli li jinsabu fil-kuntratt iffirmat mill-partijiet fis-27 ta' Ġunju 2018:

*"7.1 Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law, the parties agree that in case of:*
*1 default in the punctual payment of any three (3) instalments by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment;*
*2 a breach of any condition of this agreement by the Hirer*
*the owner shall demand immediate payment of the outstanding balance including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have accrued and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses.*

[2] Paġni 59 u 60 tal-proċess.

*7.2 The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with clause 7.1 within thirty (30) days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer to affect such payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore, the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after possession is restored in terms of sub-clause, without prejudice to any charges, fees and interest accrued."*

B'att datat 9 ta' Settembru 2019 ġie konfermat li l-vettura mertu tal-kawża reġgħet qiegħda fil-pussess ta' No Deposit Cars. F'dan id-dokument wieħed isib is-segwenti offerta: "*a payment of 12,000 euros will terminate the contract rendering it null and void upon full receipt of the funds. No Deposit Cars Malta will accept 12 monthly instalments of 1,000 per month in order to terminate the contract but any late or incomplete payments will cancel the aforementioned agreement and the full original contractual amount will be owed*."[3]

In segwietu għal dan il-ftehim, is-soċjetà attriċi fit-3 ta' Settembru 2019 biegħet il-vettura mertu tal-kawża lil terzi għal prezz ta' għaxart elef u sitt mitt ewro (€10,600).[4]

Fis-17 ta' Settembru 2019 intavolat il-kawża odjerna.

Ikkunsidrat;

[3] Paġna 63 tal-proċess.
[4] Paġna 68 et seq tal-proċess.

**Provi**

Is-soċjetà attriċi ppreżentat affidavit ta' **Luke Milton**, Maniġer fl-istess kumpanija. Jispjega li huwa kien assista lill-konvenuta sabiex tagħżel il-vettura li xtaqet, kien ukoll spjegalha t-termini u kundizzjonijiet tal-kuntratt. Jgħid li l-konvenuta iffirmat il-kuntratt ta' *hire and purchase* fis-27 ta' Ġunju 2018. Jgħid li s-Sinjura Azzopardi Tomasuolo għażlet il-vettura tat-tip Mercedes għal prezz ta' sitta u tletin elf ewro (€36,000) bi ħlas ta' sitt mitt ewro (€600) fix-xahar.

Spjega li s-sinjura għamlet diversi pagamenti iżda waqfet tħallas f'Mejju 2019. Jgħid li huma kkomunikaw magħha diversi drabi sabiex tagħmel il-ħlasijiet iżda kienet spjegatilhom li kienet iltaqgħet ma' problemi finanzjarji li minħabba fihom ma kinitx qiegħda tlaħħaq mal-pagamenti. Ix-xhud jgħid li s-soċjetà attriċi kienet flessibbli fir-rigward tal-pagamenti tant li kienu aċċettaw pagamenti tardivi. Jgħid li wara li kien spjegalha x'kienu l-konsegwenzi f'nuqqas ta' ħlas, il-konvenuta iddeċidiet li tirritorna l-vettura lura u dan għamlitu minn rajha. Qal ukoll li lis-Sinjura kienu offrewlha l-possibilità li tiġi ritornata l-vettura u l-kumpanija kienet lesta taċċetta l-ammont ta' tnax-il elf ewro (€12,000) f'pagamenti ta' elf ewro (€1,000) fix-xahar. Jikkonferma iżda li l-konvenuti rrifjutat tali offerta u għalhekk ġiet intavolat din il-proċedura. Jikkonferma wkoll li l-vettura eventwalment reġgħet inbiegħet lil terzi għal prezz ta' għaxart elf u sitt mitt ewro (€10,600).

It-tieni affidavit li ppreżentat is-soċjetà attriċi huwa dak ta' **Thorne Mangion** impjegat mal-istess soċjetà. Jispjega li x-xogħol tiegħu primarjament huwa li jieħu ħsieb il-pagamenti għall-akkwist ta' vetturi. Dwar il-każ odjern fir-rigward ta' pagamenti x-xhud qal li l-konvenuta għamlet diversi pagamenti fl-ewwel xhur wara li iffirmat il-kuntratt però l-aħħar pagament kien fis-6 ta' Mejju 2019. Mal-affidavit tiegħu x-xhud annetta rendikont datat 23 t'Awwissu 2019.[5] Jgħid li meta waqfet tagħmel

[5] Paġna 85 tal-proċess.

il-pagamenti huma kienu jikkomunikaw magħha spiss, kemm permezz ta' telefonati kif ukoll permezz ta' messaġġi, sabiex ifakkruha tagħmel il-pagamenti. Jgħid li wara diversi tentattivi sabiex isir il-ħlas, is-sinjura Azzopardi Tomasuolo iddeċidiet li tirritorna l-vettura minn rajha.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet Legali**

B'din l-azzjoni is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' somma rappreżentanti l-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LDE 437 li ġiet konsenjata lill-konvenuta taħt titolu ta' *hire purchase* skont ftehim datat 27 ta' Ġunju 2018.

Il-Qorti tagħraf illi din m'hijiex *actio cambiaria* għaliex evidentement, is-soċjetà attriċi ma mxietx skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12. L-azzjoni odjerna għall-ħlas tal-ammont dovut fuq il-vettura, tinsab imsejsa fuq il-klawsola 7.2 tal-ftehim tas-27 ta' Ġunju 2018, liema klawsola tagħti jedd lis-soċjetà attriċi titlob u tikseb ir-restituzzjoni immedjata tal-pussess fiżika tal-vettura. Ġie miftiehem fl-istess skrittura, dejjem skont il-klawsola 7.2, illi f'każ ta' restituzzjoni tal-pussess tal-vettura lis-soċjetà attriċi, huwa riżervat lilha d-dritt li titlob il-ħlas tad-differenza bejn il-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura skont il-ftehim, u l-prezz tal-vettura wara li din terġa' tinbiegħ lil terzi.

**Artikolu 960** tal-Kodiċi Ċivili jiddefinixxi kuntratt bħala "konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni". Meta kull parti fil-kuntratt tintrabat sabiex teżegwixxi obbligazzjoni, il-kuntratt huwa b'titolu oneruż.[6]

Meta l-partijiet jagħżlu illi jikkuntrattaw l-obbligazzjonijiet tagħhom huma jkunu qegħdin jintrabtu bil-kundizzjonijiet kollha mniżżla f'dik l-iskrittura

[6] **Artikolu 962 (1)** tal-Kodiċi Ċivili.

u dan a bażi tal-prinċipju *pacta sunt servanda*. Fis-sistema ġuridika Maltija, dan il-kunċett huwa inkorporat fl-**Artikolu 992** tal-Kodiċi Ċivili. Il-prinċipji applikabbli f'dan ir-rigward ġew elenkati mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **John Spiteri et vs. Popeye Investments Ltd** (App Ċiv 161/1997/2) deċiża fit-3 ta' Novembru 2006:

"i) F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992(1) Kodici Civili; Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe [Appell Kummercjali deciz 16 ta' Lulju 1973]).
ii) Il-kuntratti ghandhom jigu ezegwiti bil-bona fidi (Art. 993 Kodici Civili).
iii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni [Vol.XXXIV.i.p27] fejn inghad li "l-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".
iv) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tkun tidher cara mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien." [**J. Bartolo et v. A. Petroni** deciza 7 ta' Ottubru 1997]
v) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' l-interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li hu importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot. [**J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe** – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997]"

Rilevanti in tema wkoll huwa l-prinċipju tal-*buona fede* fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti, li huwa kunċett li jsib il-fundament tiegħu fil-prinċipji ta' ġustizzja, raġjonevolezza u onesta u, bħall-prinċipju ta' *pacta sunt servanda*, jikkostitwixxi wkoll prinċipju kardinali tal-liġi kontrattwali li jinsab manifestat fl-**Artikolu 993 t**al-Kodiċi Ċivili.

Dan jeħtieġ illi t-termini kontrattwali li jkunu ġew pattwiti bejn il-partijiet, jiġu rispettati u onorati u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni. Fis-sentenza **Thomas Farrell et vs. Joseph Mercieca et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-28 t'April 2011 ġie ritenut li "*Minbarra dan, il-bona fidi titlob li kull min jintrabat b'obbligazzjoni ma' kontraent ieħor iwettaq dak li ntrabat bih u mhux jinqeda bi skużi biex jaħrab mir-rabta.*"

Ikkunsidrat;

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, jirriżulta li l-konvenuta qablet li tħallas is-somma ta' €36,000 bi ħlas mensili ta' €600 fix-xahar. Qablet ukoll li s-sid u ċioe s-soċjetà attriċi għandha l-jedd li titlob il-ħlas immedjat tal-bilanċ dovut jekk ma jsirx ħlas ta' tlett pagamenti jew altrimenti titlob li l-vetturi tiġi ritornata u jsir l-ħlas tal-bilanċ tal-prezz mhux imħallas, wara li jitnaqqas minn dan il-bilanċ il-prezz tal-vettura li bih tkun inbiegħet lil terzi.

Mix-xhieda prodotta mis-soċjetà attriċi intwera li l-konvenuta rritornat il-vettura minn rajha. L-attriċi dan ma kkontestatux. Ġie ppruvat ukoll li l-vettura inbiegħet lil terzi għal prezz ta' €10,600. F'dan ir-rigward is-soċjetà attriċi għalhekk skont dak li jipprovdi l-kuntratt fi klawsola 7.2, għandha tirċievi l-bilanċ mingħand il-konvenuta. Il-konvenuta għalhekk hija skorretta meta fit-tielet eċċezzjoni tagħha teċċepixxi li s-soċjetà attriċi m'għandhiex il-jedd li titlob il-bilanċ. Nonostante li l-konvenuta għażlet li tagħmel użu mill-klawżola 7.2, xorta kien baqa' l-obbligu li jsir il-ħlas tal-bilanċ wara li jsir il-bejgħ tagħha u dan skont l-istess klawżola:

*"the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle as resold after possession is restored in terms of sub-clause, without prejudice to any charges, fees and interest accrued."*

Il-konvenuta eċċepiet ukoll li l-kawża hija waħda illeċita ai termini tal-**Artikolu 990** tal-Kapitolu 16.

Il-causa f'kuntratt hija illeċita meta hija pprojbita mil-liġi jew kuntrarja għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku u jinsab ritenut illi obbligazzjoni li għandha *causa* illeċita, m'hijiex biss mhux protetta mid-dritt ta' azzjoni, imma hija nulla. Dan magħdud din il-Qorti tqis iżda li l-konvenuta naqset milli tiġġustifika din l-eċċezzjoni kemm fl-eċċezzjoni stess kif ukoll waqt is-smiegħ tal-kawża.

Għalkemm il-kwistjoni tal-legalita o meno tal-konvenzjoni minħabba causa illeċita tista' tiġi sollevata mill-Qorti ex officio[7], mill-atti li din il-Qorti għandha quddiema m'hi tara xejn li huwa meqjus illeċitu.

Il-konvenuta eċċepiet ukoll li t-talbiet ġew estinti b'novazzjoni skont l-Artikolu 1179 et seq tal-Kapitolu 16. Tgħid ukoll li huwa l-ftehim tad-9 ta' Settembru 2019 li għandu jirregola r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet.

Jingħad li hemm novazzjoni

"(a) meta d-debitur jagħmel mal-kreditur tiegħu dejn ġdid, u dan jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jispiċċa;
(b) meta debitur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, illi jiġi meħlus mill-kreditur;
(ċ) meta, bis-saħħa ta' obbligazzjoni ġdida, kreditur ġdid jiġi mqiegħed flok il-qadim, li lejh id-debitur jiġi meħlus."[8]

---

[7] Ara **Vincent Camilleri vs. Emanuel Camilleri et** (App Ċiv 165/2006) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-26 ta' Ġunju 2015.
[8] Artikolu 1179 tal-Kapitolu 16.

In oltre "ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tiġix maqtula, għalkemm tiġi mbiddla"[9]. Id-dokument tad-9 ta' Settembru 2019 jipprovdi li "*a payment of 12,000 euros will terminate the contract rendering it null and void upon full receipt of the funds.*" Ix-xhud Luke Milton spjega li dik kienet biss offerta li saret lill-konvenuta liema offerta iżda ġiet irrifjutata mis-Sinjura Azzopardi Tomasuolo. Din ix-xhieda ma ġietx kontradetta u lanqas ġie muri li kien qiegħed isir l-ħlas ta' €1,000 fix-xahar kif hemm imniżżel fid-dokument. *In ogni caso*, mill-kliem *upon full receipt of the funds* jidher ċara li kien jeħtieġ li jkun hemm il-ħlas tal-imsemmija somma sabiex il-kuntratt jiġi dikjarat null. Di più skont l-Artikolu 1180 (2) tal-Kapitolu 16 novazzjoni mhix preżunta iżda jeħtieġ li l-intenzjoni li ssir għandha tidher biċ-ċar.

Ingħad fis-sentenza **Paul Koludrovich vs. Carmelo Muscat** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-25 ta' Mejju 1956 li

"Hemm novazzjoni oġġettiva meta ssir obbligazzjoni ġdida li tiġi sostitwita għall-oħra pre-eżistenti, u b'hekk tiġi estinta. U b'liġi espressa, in-novazzjoni ma tistax tiġi preżunta, u l-*animus novandi* għandu jirriżulta b' mod ċar u univoku. In-novazzjoni oġġettiva taċita għandha tirriżulta minn inkompatibilita` bejn l-'*id quod actum est'* u l-esklużjoni tal-volonta` li ssir novazzjoni (**Kollez. Vol. XXIX.iii.80**) u ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni antika ma tiġix maqtula, imma sempliċiment modifikata (**Kollez. Vol.XXXI.i.753**); għaliex billi ssir xi modifikazzjoni fi ftehim, ma tavverax ruħha novazzjoni bejn il-partijiet, jekk ma kienx hemm l-intenzjoni li ssir obbligazzjoni ġdida insostituzzjoni għall-antika, li tiġi mill-partijiet imħassra (**Kollez. Vol. XXXV.ii.607**). Mhux kull modifika, għalhekk, iġġib l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni, billi l-partijiet jistgħu jżidu jew inaqqsu xi ħaġa mingħajr ma tiġi annullata l-obbligazzjoni, bir-riżultat li tkun ġiet biss modifikata"[10]

[9] Artikolu 1181 (1) tal-Kapitolu 16.
[10] Ara wkoll **Joanna Briffa vs. Bernard Gauci et** (1192/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-22 ta' Ġunju 2005: "L-animus novandi, intiz bhala volonta` esternata mill-partijiet, oltre li

Fin-nuqqas ta' prova min-naħa tal-konvenuta li kien hemm l-intenzjoni li ssir novazzjoni din il-Qorti ma tistax tilqa ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta.

Rigwardanti l-ħtieġa li tinġieb prova ta' dak allegat mill-konvenuta għandha ssir referenza għal dak li ntqal fil-każ **Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Settembru 2013:

"Illi l-Qorti tqis li ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili mhuwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici suppozizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju."

F'dan l-istess każ, kompla jingħad:

"Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara App. Inf. – JSP – 12 ta' Jannar 2001**, Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm 'il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, il-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 – **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).

---

jrid ikun komuni ghaz-zewg kontraenti u hekk rapprezentanti dik il-volonta` li l-obbligazzjoni precedenti tigi estinta, irid jirrizulta b' mod inekwivoku u konkretament provat mill-fatti konkludenti".

Illi huwa ghalhekk, li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-**Art. 562 tal-Kap 12**) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (**Art. 559 tal-Kap 12**)."

Hawnhekk ta' min isemmi wkoll dak ribadit fil-każ **Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi** deċiż mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri), fit-12 ta' April 2007:

"[...] in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib ilprova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghassostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*). Ara **Kollez. Vol. XLVI P I p 5**;

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 577**);

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament

tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. [...]"

Hekk ukoll fil-każ **Martin Cassano vs. Alessandro Cassano** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Lulju 2016, intqal li:

"Il-gudikant fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, u meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibiltajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet." (Ara wkoll **Zammit vs Petrococchino** Qorti tal-Appell (Sede Kummercjali) deciza fil-25 ta' Frar 1952, u **Vassallo vs Pace**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1986."

Fuq dan l-istess ħsieb din il-Qorti tosserva li nonostante li l-konvenuta ingħatat opportunità tagħmel il-kontro-eżamijiet kif ukoll tressaq l-affidavit u l-provi tagħha hija naqset milli tagħmel dan għajr għall-fatt li uriet b'mod sodisfaċenti mid-dokumenti annessi mar-risposta ġuramentata li hija fil-fatt ħallset €7,000 akkont tal-prezz u mhux is-somma indikata mis-soċjetà attriċi ta' €6,000.

Il-Qorti tinnota li r-rendikont li ġie anness mal-affidavit ta' Thorne Mangion iġib id-data ta' 23 t'Awwissu 2019, rendikont li ma jidhirx li huwa wieħed aġġornat[11]. Dan jingħad in vista tal-fatt li fis-7 ta' Settembru 2019 il-konvenuta għamlet żewġ pagamenti b'total ta' €1,000[12]. Għaldaqstant din il-Qorti sejra tqis li l-konvenuta ħallset is-somma ta' €7,000 akkont tal-prezz.

Mis-somma ta' €36,000 għandu jitnaqqas ukoll is-somma ta' €10,600, il-valur li inbiegħet lil terzi.

[11] Paġna 85 tal-proċess.
[12] Paġni 59 u 60 tal-proċess.

Ifisser għalhekk li l-bilanċ dovut mill-konvenuta lis-soċjetà attriċi huwa ta' tmintax-il elf u erbat mitt Ewro (€18,400).

**Decide**

Għal dawn il-motivi din l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta konformement ma' dak hawn fuq deċiż

1. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta filwaqt li tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha;

2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li l-konvenuta kisret l-kuntratt ta' *hire and purchase* datat 27 ta' Ġunju 2018 ta' bejn il-partijiet;

3. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikjara illi ai termini tal-kuntratt hire purchase ta' bejn il-partijiet il-konvenuta iddekadiet mill-benefiċċju tat-terminu għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz tal-vettura lilha konċess fuq il-kuntratt tal-bejgħ tal-vettura ;

4. Tilqa' in parte t-tielet talba attriċi u tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' tmintax-il elf u erbat mitt Ewro (€18,400);

5. Tilqa' in parte r-raba' talba attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmintax-il elf u erbat mitt Ewro (€18,400).

6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ħames talba attriċi.

Bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż in kwantu għal wieħed minn għaxra (1/10) a karigu tas-soċjeta' attriċi u in kwantu għal disgħa minn għaxra (9/10) a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 t'Ottubru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**